MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 292/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Christopher Pullicino)**
**Vs**
**Paul Magro**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli

1. Mill-istabbiliment bl-isem Stop Shop DVD Mania sitwat f’San Pawl il-Bahar nhar il-20 ta’ Novembru 2008 ghal habta tas-sitta ta’ fil-ghaxija, ikkometta serq ta’ ammont ta’ flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi €232.94 izda ma jaqbizx €2329.37 u sar ghad-dannu ta’ Francis Paul Agius minn San Pawl il-Bahar u/jew persuna/i ohra;
2. U aktar talli f’dawn il-gzejjer fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg adhiero, mobbli jew immobbli liema hsara

hija iktar minn 116.47, izda ma tiskorriex 1164.69 ghad-dannu ta’ diversi persuni.;
3. U aktar talli ikkometta diversi reati/delitti li ghalihom hemm il-piena ta’ prigunerija fil-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza, liema sentenza hija definittiva u datata 29 ta’ Gunju 2008;
4. U aktar talli kiser il-provedimenti ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ta’ sentenza datata 7 ta’ Novembru 2008 fejn huwa kien misjub hati ta’ reat u illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar;

5. U fl-ahharnett irrenda ruhu recidiva ai Termini ta’l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Gunju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 261(c)(b), 263(a), 267, 280(2), 278(1)(2), 325(b), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li lliberat lill-appellant mit-tielet u r-raba` akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, sabitu hati tal-kumplament ta’ l-akkuzi u kkundannatu ghal perjodu ta’ disa` (9) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta’ Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha li s-sentenza appellata tigi mibdula b’mod illi tigi konfermata l-parti tas-sentenza fejn hu jigi liberat mit-tielet u r-raba` akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u jinstab hati tal-kumplament ta’ l-akkuzi b’dana pero` li tinghata piena iktar gusta u ekwa ghac-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti setghet imxiet b’mod iktar ekwu u gust meta ddecidiet li timponi piena ta’ prigunerija effettiva

meta kien hemm pieni iktar gusti li setghu inghataw, tenut kont tal-fatt li l-appellant kien qed jaghmel hiltu kollha biex jirrijabilita` ruhu mill-vizzju tad-droga.  Illi kieku inghatat sentenza ta' Community Work abbinata ma' Ordni ta' Probation, certament l-appellant kien ikollu opportunita` li jsalva minn dan il-vizzju li certament wasslu biex jikser il-ligi u jixref difru mal-gustizzja.  Il-fatt li l-appellant hallas dak kollu li huwa kien seraq, dahal ghall-programm, ikkoopera mal-Pulizija, ikkoopera mal-Probation Officers u mal-persuna responsabbli fil-Caritas ghandu jimmilita favur li hu jkollu cans iehor.

Ikkunsidrat:

F'dan l-Appell, l-appellant qieghed jadixxi din il-Qorti illi ghal darba ohra taghtieh l-opportunita sabiex jirriforma ruhu u johrog mill-vizzju tad-droga illi qabditu.  Argumenta illi kienet il-kilba tad-droga illi ghamlet ir-reati addebitati lill-appellant peress illi l-appellant m'huwiex t'hekk.  Huwa bhalissa qieghed jaghmel sforz kbir biex johrog mill-vizzju tad-droga, qieghed jattendi wkoll korsijiet tal-Caritas u jekk imur il-habs dan il-progress illi qieghed jaghmel jisfa' fix-xejn.  Minn naha l-ohra l-Avukat Generali argumenta illi filwaqt illi huwa minnu illi l-appellant ghamel ammessjoni bikrija u kkopera mal-pulizija ma dana kollu ma kienx affidabbli fir-rijabilitazzjoni tieghu  u rrizulta illi tkecca mill-Caritas minhabba l-atteggjament negattiv tieghu u spicca biex jigi boarded out minhabba ragunijiet medici kollha kawza tal-problema tad-droga illi huwa kellu.  Fil-fatt il-Qorti tat lill-appellant diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu izda kollox kien ghalxejn u ghalhekk ma kelliex triq ohra hlief li tikkundanna lill-appellant ghall-prigunerija effettiva kif fil-fatt ghamlet.

Ikkunsidrat:

Jidher illi l-hajja ta' l-appellant hija wahda ta' tluh u nzul.  Kull darba illi jkun vicin xi Sentenza tal-Qorti tarah jipprova u jaghmel hiltu kollha sabiex jattendi xi programm jew iehor u juri lill-Qorti illi qieghed fit-triq it-tajba.  Darba dan il-periklu jghaddi tarah jerga jidhol fil-vizzju tad-droga anke jekk ma jkunx ipprovokat minn xi haga.  L-ewwel Qorti fis-

Sentenza taghha tat piz kbir lill-argumenti ‘l ghaliex kellha timponti piena kalcerarja effettiva. Semmiet id-diversi drabi illi l-appellant inaghta l-opportunita sabiex isegwi programm residenzjali, izda minhabba l-imgieba tieghu negattiva spicca biex gie sospiz b’mod indefenit. Ukoll illi l-appellant lanqas ghamel l-almu tieghu biex jipprova jahdem izda sab xi skuza sabiex jigi boarded out minhabba ragunijiet ta’ sahha li lanqas ma gew indikati lill-ewwel Qorti.

Fl-Appell tieghu l-appellant elenka d-diversi opportunitajiet kif ukoll it-triq illi huwa qabad sabiex jirriforma ruhu, izda l-ewwel Qorti bhal ma wkoll qed taghmel din il-Qorti, waslet fi stadju illi mhix qed temmen lill-impuatat verament irid jirriforma ruhu u kull ma qed jaghmel illi jiggranfa ma kull skuza sabiex ma jispiccax il-habs. Naturalment din il-Qorti tawgura illi l-appellant verament irid jehles minn dan il-vizzju tad-droga illi hakmu u jekk irid jista juza s-servizzi tal-habs illi qeghdin hemm hekk propju ghal sitwazzjonijiet illi jinsab fihom l-appellant. Mill-bqija l-Qorti ma ssib xejn biex ticcensura fl-ewwel Sentenza li hija sostanzjalment korretta u l-principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevalment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Din il-Qorti mhijiex sejra tirrimpjazza d-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel l-apprezzament taghha biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Din il-Qorti ghalhekk ghamlet dan l-apprezzament u waslet ghall-konkluzjoni illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiema u c-cirkostanzi kollha tal-kaz setghet ragjonevalment tasal ghall- konkluzzjoni li waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi s-Sentenza tigi ddisturbata. Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-Appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------